MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 446/2005

**Avviz numru 446/05DM**

**Carmel Borg (ID 495665 M)**

**Vs**

**Ismail Guclu**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u sittin lira Maltin (Lm2,260) kwantu ghal elfejn lira (Lm2000) prezz ta' karozza 'Hyundai Accent' CAG-462 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u kwantu ghal mitejn u sittin lira (Lm260) prezz ta' 'video camera' u zewg (2) 'cassettes' mislufa lill-konvenut li ma rritornax.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mis-6 ta' Awissu, 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elfejn, mitejn u sittin lira Maltin (Lm2,260) bl-imghax legali mis-6 ta' Awissu, 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------